TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 47/16/F

**Katia Busuttil**

**vs**

**Vince Agius eżerċenti l-kummerċ bl-isem Agius Photo Studio**

Illum 26 ta' Lulju, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Frar, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300), rappreżentanti spejjeż tar-ritratti tat-tieġ illi ma ġewx ikkonsenjati.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi hija kienet ordnat pakkett mingħand l-intimat li kien jinkludi r-ritratti, album, pre-wedding u post-wedding, żewġ albums żgħar u id-DVD tat-tieġ, u għalkemm ġew ikkonsenjati id-DVD u affarijiet oħra, ir-ritratti ma ġewx ikkonsenjati għax ma kinux lesti.

L-intimat issottometta li kien qabbad persuna sabiex tieħu r-ritratti u dan ma tahx ir-ritratti lura.

It-Tribunal, ta ż-żmien lill-intimat sabiex jikkonsenja r-ritratti u jitħallas tagħhom u wara li skada ż-żmien, it-Tribunal iddeċieda sabiex jgħaddi għas-sentenza.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300), rappreżentanti danni li soffriet ir-rikorrenti talli ma ġewx ikkonsenjati r-ritratti, u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888